II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/162

tal-1 ta' Frar 2019

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1210/2003 dwar ċerti restrizzjonijiet speċifiċi fuq relazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji mal-Iraq

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1210/2003 tas-7 ta' Lulju 2003 dwar ċerti restrizzjonijiet speċifiċi fuq relazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji mal-Iraq u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 2465/96 [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 11(b) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1210/2003 jelenka korpi pubbliċi, korporazzjonijiet u aġenziji u persuni fiżiċi u ġuridiċi, korpi u entitajiet tal-gvern preċedenti tal-Iraq koperti bl-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi li kienu jinsabu barra mill-Iraq nhar it-22 ta' Mejju 2003 skont dan ir-Regolament.

(2) L-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1210/2003 jeleneka persuni fiżiċi u ġuridiċi, korpi jew entitajiet assoċjati mar-reġim tal-eks President Saddam Hussein koperti bl-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi u bi projbizzjoni milli l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi jsiru disponibbli.

(3) Fid-29 ta' Jannar 2019, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li jneħħi tmien entrati mil-lista ta' persuni jew entitajiet li għalihom jenħtieġ li japplika l-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi.

(4) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Annessi III u IV tar-Regolament (UE) Nru 1210/2003 jiġu emendati skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1210/2003 huwa emendat kif indikat fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

L-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1210/2003 huwa emendat kif indikat fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

[1] ĠU L 169, 8.7.2003, p. 6.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Frar 2019.

Għall-Kummissjoni,

F'isem il-President,

Il-Kap tas-Servizz għall-Istrumenti tal-Politika Barranija

ANNESS I

Fl-Anness III tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1210/2003, jitħassru l-entrati segwenti:

"45. GENERAL ESTABLISHMENT FOR HOSPITALITY AFFAIRS. Indirizz: P.O. Box 240, Hay Al-Wihda, Al-Wathik Square, Baghdad, l-Iraq."

"50. GENERAL ESTABLISHMENT FOR TRAVEL AND TOURIST SERVICES. Indirizz: P.O. Box 10028, Karrada, No. 19, Hay Al-Wadha, Mahala (904), Baghdad, l-Iraq."

"93. NATIONAL COMPUTER CENTRE. Indirizz: P.O. Box 3267, Saadoun Nafoora Square, Baghdad, l-Iraq."

"121. STATE CONTRACTING BUILDINGS COMPANY (magħrufa wkoll bħala STATE COMPANY FOR BUILDING CONTRACTS). Indirizz: P.O. Box 19036, Al Nahda Area, Baghdad, l-Iraq."

"149. STATE ENTERPRISE FOR RUBBER INDUSTRIES. Indirizz: P.O. Box 71, Diwaniya, l-Iraq."

"175. STATE ORGANISATION FOR BUILDINGS (magħrufa wkoll bħala (a) STATE ORGANISATION OF BUILDING, (b) DESIGN AND STUDIES SECTION, (c) GENERAL ESTABLISHMENT OF BUILDINGS FOR CENTRAL REGION, (d) GENERAL ESTABLISHMENT OF BUILDINGS FOR NORTHERN REGION, (e) GENERAL ESTABLISHMENT OF BUILDINGS FOR SOUTHERN REGION). Indirizzi: (a) Museum Square, Karkh, Baghdad, Iraq; (b) Mosul, left side, ħdejn Al Hurya Bridge, P.O. Box 368, Baghdad, Iraq; (c) Karkh, Karadat Mariam, Baghdad, l-Iraq; Maysan, l-Iraq."

"189. STATE ORGANISATION FOR TOURISM. Indirizzi: (a) P.O. Box 2387, Alwiyah, Saadoon St., Karrada Al Basra, Baghdad, l-Iraq; (b) Al-Masbah, ħdejn Al Fatih Square, Baghdad, l-Iraq."

ANNESS II

Fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1210/2003, titħassar l-entrata segwenti:

"94. AL-HUDA STATE COMPANY FOR RELIGIOUS TOURISM (magħrufa wkoll bħala (a) AL-HUDA FOR RELIGIOUS TOURISM COMPANY, (b) AL-HODA STATE COMPANY FOR RELIGIOUS TOURISM, (c) AL-HODA FOR RELIGIOUS TOURISM COMPANY). Indirizz: Iraq."